**165. Il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura l-Onor. Michael Falzon jipproponi:**

Billi hu maħsub fil- paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-artikolu tal-Att tal-1988 dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji), li fil-każ tat-tlugħ jew demolizzjoni ta' bini 'l barra minn area żviluppata li ma tkunx area li għaliha jkun ġie approvat pjan lokali, il-Ministru jista' jagħti permess meta l-għoti ta' dak il-permess ikun awtorizzat b'riżoluzzjoni specjali tal-Kamra;

Billi ntalab permess minn "The Parents Foundation for Education" għal bini ta' skola fuq żewġ sulari, biex takkommoda elf student fil-livelli ta' kindergarten, livell Primarju u livell Sekondarju fl-art Tal-Imselliet fil-limiti tal-Imġarr, Malta kif jidher f'applikazzjoni Nru. 1705/89 u l-pjanti mehmuża magħha li ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra;

Billi għal din l-applikazzjoni japplika l-imsemmi paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-artikolu 5 tal-imsemmi Att, u jixraq li l- permess jingħata;

Għaldaqstant il-Kamra tirriżolvi illi tapprova l-għoti ta' permess mill- Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura għal bini fuq imsemmi skont l-applikazzjoni numru 1705/89 fuq imsemmija u l-pjanti mehmuża magħha.

13.07.89

**Il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura l-Onor. Michael Falzon ressaq din l-Emenda:**

"Minflok il-kliem "tas- subartikolu (5) tal- artikolu tal-Att" fl-ewwel paragrafu tal-mozzjoni, għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (5) tal-artikolu 5 tal-Att".

**L-emenda għaddiet.**

**Il-mozzjoni kif emendata, għaddiet f'Seduta 279 tas-26 ta' Lulju 1989.**